GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

# ĊIRKULARI

Referenza: DELH 012/2025

Mingħand: L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

Lis: Segretarju Permanenti
Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi / Uffiċjali Edukattivi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti
Kapijiet tal-Entitajiet

Suġġett: Korsijiet ta' Aġġornament COPE għall-Għalliema tar-Raba' Sena tal-Primarja
Data: 17 ta' Jannar 2025

---

Il-kapijiet tal-iskejjel primarji huma mitluba jgħaddu din iċ-ċirkulari lill-għalliema tagħhom.

L-għalliema tar-raba' sena tal-primarja huma mitluba li jattendu jum ta' taħriġ b'rabta mal-programmi COPE għas-sena 2025. Huma jridu jagħżlu ġurnata **waħda** mit-tlieta mogħtija, **wara diskussjoni u qbil mal-amministrazzjoni tal-iskola**, u jirreġistraw f'din il-ħolqa https://malti.skola.edu.mt/cope-2025/ u jsegwu l-istruzzjonijiet mogħtija.

**L-applikazzjonijiet jingħalqu fit-3 ta' Marzu 2025.** Min japplika l-ewwel, ikollu preferenza minħabba li l-postijiet huma limitati għall-ewwel 45 ruħ kull sessjoni. Kulħadd huwa mħeġġeġ jattendi u jasal fil-ħin.

Għall-għalliema Għawdxin li jgħallmu fil-Kulleġġ ta' Għawdex ser ikun hemm sessjoni apposta għalihom f'Għawdex **fl-10 ta' Marzu 2025**. Dettalji dwar ir-reġistrazzjoni għal din is-sessjoni jingħataw mill-Uffiċċju tal-Prinċipal t'Għawdex. Jekk hemm xi għalliema Għawdxin li jaħdmu Malta u jixtiequ jattendu t-taħriġ f'Għawdex, huma mitluba jiktbu lis-Sa Doreen Coleiro fuq maria.dolores.coleiro@ilearn.edu.mt. sabiex jiġi rriservat il-post.

**Napprezzaw li kull minn jirreġistra jattendi fid-data u l-post li jagħżel u ma jiħux post ħaddieħor jekk ma jkunx biħsiebu/ha jattendi/tattendi dakinhar.**

Id-dati u l-postijiet f'Malta fejn ser isir it-taħriġ huma dawn:

12 ta' Marzu 2025 - 830am sa 1430pm - Istitut għall-Edukazzjoni, Triq Martin Luther King, Pembroke;
13 ta' Marzu 2025 - 845am sa 1445pm - Skola Sekondarja Lily of the Valley, Mosta, Kulleġġ Marija Reġina.
14 ta' Marzu 2025 - 830am sa 1430pm - Skola Sekondarja Karwija, Ħal Kirkop, Kulleġġ San Benedittu.

Min ikollu xi diffikultà jew jixtieq aktar dettalji, jista' jkellem lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti tal-Kulleġġ tiegħu.
Grazzi tal-attenzjoni,
Is-Sa Sandra Ebejer,
Direttriċi, DELH